



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13864/22

LIMITE

CORLX 963
CFSP/PESC 1392
COAFR 334
CONUN 296
FIN 1240

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775¹.
- (2) Fit-13 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2208², li stabbiliet qafas ġdid li jippermetti miżuri restrittivi addizzjonali kontra individwi u entitajiet responsabbli għat-theddid tal-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Mali, jew għat-tfixkil jew l-imminar tat-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali.
- (3) Fuq il-bażi ta' rieżami tal-miżuri msemmin fl-Artikolu 1a(1) u l-Artikolu 2a, (1) u (2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sal-14 ta' Diċembru 2023 u li d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni għall-ħames persuni inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u fil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 jiġu emendati.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2208 tat-13 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali (ĠU L 446, 14.12.2021, p. 44).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6(2), fl-ewwel sentenza, id-data '14 ta' Diċembru 2022' hija sostitwita bid-data '14 ta' Diċembru 2023';:
- (2) L-Anness II huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘ANNEX II

A. Lista ta' persuni fiżiċi msemmin fl-Artikolu 1a(1)

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	DIAW, Malick	Post tat-twelid: Ségou Data tat-twelid: 2 12. 1979 Nazzjonalità: Maljana Numru tal-Passaport: B0722922 validu sat-13.8.2018 Ġeneru: raġel Pożizzjoni: President tal-Kunsill Tranżizzjonali Nazzjonali (organu leġiżlattiv tat-tranżizzjoni politika tal-Mali), Kurunell	Malick Diaw huwa membru ewlieni taċ-ċirku intern tal-Kurunell Assimi Goïta. Bħala kap kmandant tat-tielet reġjun militari ta' Kati, kien wieħed mill-istigaturi u l-mexxejja tal-kolp ta' stat tat-18 ta' Awwissu 2020 flimkien mal-Kurunell Maġġur Ismaël Wagué, il-Kurunell Assimi Goïta, il-Kurunell Sadio Camara u l-Kurunell Modibo Koné. Għaldaqstant Malick Diaw huwa responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Mali. Malick Diaw huwa wkoll attur ewlieni fil-kuntest tat-tranżizzjoni politika tal-Mali, bħala l-President tal-Kunsill tat-Tranżizzjoni Nazzjonali (CNT) minn Diċembru 2020.	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Is-CNT naqas milli jikseb riżultati fil-ħin fuq il-"missjonijiet" imnaqqxa fil-Karta tat-Tranżizzjoni tal-1 ta' Ottubru 2020 ('Karta tat-Tranżizzjoni') u li suppost kellhom jitlestew fi żmien 18-il xahar, kif jidher mid-dewmien tas-CNT biex jadotta l-abbozz tal-liġi elettorali. Dak id-dewmien ikkontribwixxa għad-dewmien fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u b'hekk għat-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi elettorali l-ġdid, kif eventwalment adottat mis-CNT fis-17 ta' Ġunju 2022 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Mali fl-24 ta' Ġunju 2022, jippermetti lill-President tat-Tranżizzjoni u lill-Viċi President tat-Tranżizzjoni u lill-membri tal-Gvern ta' Tranżizzjoni jkunu kandidati għall-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi, f'kontradizzjoni mal-Karta ta' Tranżizzjoni.</p> <p>Il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Malick Diaw) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Għaldaqstant, Malick Diaw qed jostakola u jdgħajef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2.	WAGUÉ, Ismaël	<p>Post tat-twelid: Bamako</p> <p>Data tat-twelid: 2. 3. 1975</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-passaport: passaport diplomatiku AA0193660 validu sal-15.2.2023</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: Ministru għar-Rikonċiljazzjoni, Kurunell Maġġur</p>	<p>Il-Kurunell Maġġur Ismaël Wagué huwa membru ewlieni fiċ-ċirku intern tal-Kurunell Assimi Goïta u kien wieħed mill-atturi ewlenin responsabbli għall-kolp ta' stat tat-18 ta' Awwissu 2020, flimkien mal-Kurunell Goïta, il-Kurunell Sadio Camara, il-Kurunell Modibo Koné u l-Kurunell Malick Diaw.</p> <p>Fid-19 ta' Awwissu 2020, huwa ħabbar li l-armata kienet ħadet il-poter fidejha, u mbaġhad sar kelliem għall-Kumitat Nazzjonali għas-Salvazzjoni tal-Poplu (<i>Comité national pour le salut du peuple</i>, CNSP).</p> <p>Għaldaqstant Ismaël Wagué huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Mali.</p> <p>Bħala Ministru għar-Rikonċiljazzjoni fil-Gvern ta' Tranżizzjoni minn Ottubru 2020, Ismaël Wagué huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu f'Ottubru 2021 u n-nuqqas ta' qbil perpetwu tiegħu mal-membri tal-Qafas Strateġiku Permanenti (<i>Cadre Stratégique Permanent</i>, CSP), huwa kkontribwixxa għall-imblukkar tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali (<i>Comité de suivi de l'accord</i>, CSA), li wassal għas-sospensjoni tal-laqgħat tas-CSA minn Ottubru 2021 sa Settembru 2022. Dik is-sitwazzjoni xekklet l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim, li huwa wieħed mill-"missjonijiet" tat-tranżizzjoni politika tal-Mali, kif previst fl-Artikolu 2 tal-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Ismaël Wagué) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Għaldaqstant Ismaël Wagué huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Mali, kif ukoll talli ostakola u dgħajef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali.</p>	
3.	MAÏGA, Choguel	<p>Post tat-twelid: Tabango, Gao, Mali</p> <p>Data tat-twelid: 31.12.1958</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-Passaport: passaport diplomatiku Nru DA0004473, maħruġ mill-Mali, viża ta' Schengen maħruġa</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: Prim Ministru</p>	<p>Bħala Prim Ministru minn Ġunju 2021, Choguel Maïga jmexxi l-Gvern ta' Tranżizzjoni tal-Mali stabbilit wara l-kolp ta' stat tal-24 ta' Mejju 2021.</p> <p>Għall-kuntrarju tal-iskeda għar-riforma u l-elezzjonijiet maqbula preċedentement mal-ECOWAS f'konformità mal-Karta ta' Tranżizzjoni, f'Ġunju 2021 huwa ħabbar l-organizzazzjoni tal-Konsultazzjonijiet Nazzjonali għar-Rifondazzjoni (<i>Assises nationales de la refondation</i>, ANR) bħala proċess ta' qabel ir-riforma u prekondizzjoni għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet skedati għas-27 ta' Frar 2022.</p> <p>Kif imħabbar minn Choguel Maïga nnifsu, l-ANR imbagħad ġew posposti diversi drabi u l-elezzjonijiet ġew posposti. L-ANR, li eventwalment saru f'Diċembru 2021, kienu bbojkottjati minn diversi partijiet ikkonċernati. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-ARN, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta skeda ta' żmien ġdida li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2025, biex b'hekk l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu fil-poter għal aktar minn ħames snin. F'Ġunju 2022, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta lill-ECOWAS skeda riveduta li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2024, jiġifieri aktar minn sentejn wara l-iskadenza stabbilita fil-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Choguel Maïga) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. L-ECOWAS enfasizzat li l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni użaw il-ħtieġa li jimplimentaw riformi bħala pretest biex jiġġustifikaw l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali u biex iżommu lilhom infushom fil-poter mingħajr elezzjonijiet demokratiċi. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prim Ministru, Choguel Maïga huwa direttament responsabbli għall-posponiment tal-elezzjonijiet previsti fil-Karta ta' Tranżizzjoni, u għalhekk qed jostakola u jdgħajjef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali, b'mod partikolari billi jostakola u jdgħajjef l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-trasferiment tal-poter lil awtoritajiet eletti.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
4.	MAÏGA, Ibrahim Ikassa	<p>Post tat-twelid: Tondibi, Gao region, Mali</p> <p>Data tat-twelid: 5. 2. 1971</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-Passaport: passaport diplomatiku maħruġ mill-Mali</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: Ministru għar-Rifondazzjoni</p>	<p>Ibrahim Ikassa Maïga huwa membru tal-kumitat strateġiku tal-M5-RFP (<i>Mouvement du 5 juin-Rassemblement des forces patriotiques</i>), li kellu rwol ewlieni fit-twaqqiġ tal-President Keita.</p> <p>Bħala Ministru għar-Rifondazzjoni minn Ġunju 2021, Ibrahim Ikassa Maïga kien fdat bl-ippjanar tal-Konsultazzjonijiet Nazzjonali għar-Rifondazzjoni (<i>Assises nationales de la Refondation</i>, ANR imħabbra mill-Prim Ministru Choguel Maïga.</p> <p>Għall-kuntrarju tal-iskeda għar-riformi u l-elezzjonijiet maqbula preċedentement mal-ECOWAS f'konformità mal-Karta ta' Tranżizzjoni, l-ANR ġew imħabbra mill-Gvern ta' Tranżizzjoni bħala proċess ta' qabel ir-riforma u prekondizzjoni għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet skedati għas-27 ta' Frar 2022.</p> <p>Kif imħabbar minn Choguel Maïga, l-ANR imbagħad ġew posposti diversi drabi u l-elezzjonijiet ġew posposti. L-ANR, li eventwalment saru f'Diċembru 2021, kienu bbojkottjati minn diversi partijiet ikkonċernati. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-ARN, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta skeda ta' żmien ġdida li ttipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2025, biex b'hekk l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu fil-poter għal aktar minn ħames snin. F'Ġunju 2022, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta lill-ECOWAS skeda riveduta li ttipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2024, li hija aktar minn sentejn wara l-iskadenza stabbilita fil-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Ibrahim Ikassa Maïga) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. L-ECOWAS enfasizzat li l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni użaw il-ħtieġa li jimplimentaw riformi bħala pretest biex jiġġustifikaw l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali u biex iżommu lilhom infushom fil-poter mingħajr elezzjonijiet demokratiċi. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Ministru għar-Rifondazzjoni, Ibrahim Ikassa Maïga qed jostakola u jdgħajjef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali, b'mod partikolari billi jostakola u jdgħajjef l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-trasferiment tal-poter lil awtoritajiet eletti.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
5.	DIARRA, Adama Ben (magħruf ukoll bħala Ben Le Cerveau)	Post tat-twelid: Kati, Mali Nazzjonalità: Maljana Numru tal-Passaport: passaport diplomatiku maħruġ mill-Mali, viża ta' Schengen maħruġa Ġeneru: raġel Pożizzjoni: Membru tal-Kunsill Tranżizzjonali Nazzjonali (organu leġiżlattiv tat-tranżizzjoni politika tal-Mali)	Adama Ben Diarra, magħruf bħala Camarade Ben Le Cerveau, huwa wieħed mill-mexxejja żgħażaġh tal-M5-RFP (<i>Mouvement du 5 Juin-Rassemblement des forces patriotiques</i>), li kellu rwol ewlieni fit-twaqqiġh tal-President Keita. Adama Ben Diarra huwa wkoll il-mexxej ta' Yéréwolo, li hija l-organizzazzjoni prinċipali li tappoġġa lill-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni, u membru tal-Kunsill tat-Tranżizzjoni Nazzjonali (CNT) mit-3 ta' Diċembru 2021. Ma sar l-ebda progress sinifikanti mis-CNT fuq il-"missjonijiet" imnaqqxa fil-Karta tat-Tranżizzjoni u li suppost kellhom jitlestew fi żmien 18-il xahar, kif jidher mid-dewmien tas-CNT biex jadotta l-abbozz tal-liġi elettorali. Dakid-dewmien ikkontribwixxa għad-dewmien fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u b'hekk għat-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi elettorali l-ġdid, kif eventwalment adottat mis-CNT fis-17 ta' Ġunju 2022 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Mali fl-24 ta' Ġunju 2022, jippermetti lill-President tat-Tranżizzjoni u lill-Viċi President tat-Tranżizzjoni u lill-membri tal-Gvern ta' Tranżizzjoni jkunu kandidati għall-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi, f'kontradizzjoni mal-Karta ta' Tranżizzjoni.	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>Adama Ben Diarra ppromwova u appoġġa b'mod attiv l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali waqt manifestazzjonijiet politiċi u fuq in-networks soċjali, filwaqt li ddikjara li l-estensjoni ta' ħames snin tal-perijodu ta' tranżizzjoni deċiż mill-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni wara l-Konsultazzjonijiet Nazzjonali għar-Rifondazzjoni (<i>Assises nationales de la Refondation</i>, ANR) kienet aspirazzjoni profonda tal-poplu ta' Mali.</p> <p>Għall-kuntrarju tal-iskeda tar-riformi u l-elezzjonijiet preċedentement maqbula mal-ECOWAS f'konformità mal-Karta ta' Tranżizzjoni, l-ANR ġew imħabbra mill-Gvern ta' Tranżizzjoni, bħala proċess ta' qabel ir-riforma u prekondizzjoni għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet skedati għas-27 ta' Frar 2022.</p> <p>Kif imħabbar minn Choguel Maïga, l-ANR imbagħad ġew posposti diversi drabi u l-elezzjonijiet ġew posposti. L-ANR, li eventwalment saru f'Diċembru 2021, kienu bbojkottjati minn diversi partijiet ikkonċernati. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-ARN, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta skeda ta' żmien ġdida li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2025, biex b'hekk l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu fil-poter għal aktar minn ħames snin. F'Ġunju 2022, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta lill-ECOWAS skeda riveduta li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2024, li hija aktar minn sentejn wara l-iskadenza stabbilita fil-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Adama Ben Diarra) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. L-ECOWAS enfasizzat li l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni użaw il-ħtieġa li jimplimentaw riformi bħala pretest biex jiġġustifikaw l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali u biex iżommu lilhom infushom fil-poter mingħajr elezzjonijiet demokratiċi. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Għaldaqstant Adama Ben Diarra qed jostakola u jdgħajjef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali, b'mod partikolari billi jostakola u jdgħajjef l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-trasferiment tal-poter lil awtoritajiet eletti.</p>	

B. Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fl-Artikolu 2a(1).

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	DIAW, Malick	<p>Post tat-twelid: Ségou</p> <p>Data tat-twelid: 2 12. 1979</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-Passaport: B0722922 validu sat-13.8.2018</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: President tal-Kunsill Tranżizzjonali Nazzjonali (organu leġiżlattiv tat-tranżizzjoni politika tal-Mali), Kurunell</p>	<p>Malick Diaw huwa membru ewlieni taċ-ċirku intern tal-Kurunell Assimi Goïta. Bħala kap kmandant tat-tielet reġjun militari ta' Kati, kien wieħed mill-istigaturi u l-mexxejja tal-kolp ta' stat tat-18 ta' Awwissu 2020 flimkien mal-Kurunell Maġġur Ismaël Wagué, il-Kurunell Assimi Goïta, il-Kurunell Sadio Camara u l-Kurunell Modibo Koné.</p> <p>Għaldaqstant Malick Diaw huwa responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Mali.</p> <p>Malick Diaw huwa wkoll attur ewlieni fil-kuntest tat-tranżizzjoni politika tal-Mali, bħala l-President tal-Kunsill tat-Tranżizzjoni Nazzjonali (CNT) minn Diċembru 2020.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Is-CNT naqas milli jikseb rizzultati fil-ħin fuq il-"missjonijiet" imnaqqxa fil-Karta tat-Tranżizzjoni tal-1 ta' Ottubru 2020 ('Karta tat-Tranżizzjoni') u li suppost kellhom jitlestew fi żmien 18-il xahar, kif jidher mid-dewmien tas-CNT biex jadotta l-abbozz tal-liġi elettorali. Dak id-dewmien ikkontribwixxa għad-dewmien fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u b'hekk għat-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi elettorali l-ġdid, kif eventwalment adottat mis-CNT fis-17 ta' Ġunju 2022 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Mali fl-24 ta' Ġunju 2022, jippermetti lill-President tat-Tranżizzjoni u lill-Viċi President tat-Tranżizzjoni u lill-membri tal-Gvern ta' Tranżizzjoni jkunu kandidati għall-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi, f'kontradizzjoni mal-Karta ta' Tranżizzjoni.</p> <p>Il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Malick Diaw) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Għaldaqstant, Malick Diaw qed jostakola u jdgħajjef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2.	WAGUÉ, Ismaël	<p>Post tat-twelid: Bamako</p> <p>Data tat-twelid: 2. 3. 1975</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-passaport: passaport diplomatiku AA0193660 validu sal-15.2.2023</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: Ministru għar-Rikonċiljazzjoni, Kurunell Maġġur</p>	<p>Il-Kurunell Maġġur Ismaël Wagué huwa membru ewlieni fiċ-ċirku intern tal-Kurunell Assimi Goïta u kien wieħed mill-atturi ewlenin responsabbli għall-kolp ta' stat tat-18 ta' Awwissu 2020, flimkien mal-Kurunell Goïta, il-Kurunell Sadio Camara, il-Kurunell Modibo Koné u l-Kurunell Malick Diaw.</p> <p>Fid-19 ta' Awwissu 2020, huwa ħabbar li l-armata kienet ħadet il-poter fidejha, u mbagħad sar kelliem għall-Kumitat Nazzjonali għas-Salvazzjoni tal-Poplu (<i>Comité national pour le salut du peuple</i>, CNSP).</p> <p>Għaldaqstant Ismaël Wagué huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Mali.</p> <p>Bħala Ministru għar-Rikonċiljazzjoni fil-Gvern ta' Tranżizzjoni minn Ottubru 2020, Ismaël Wagué huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu f'Ottubru 2021 u n-nuqqas ta' qbil perpetwu tiegħu mal-membri tal-Qafas Strateġiku Permanenti (<i>Cadre Stratégique Permanent</i>, CSP), huwa kkontribwixxa għall-imblukkar tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali (<i>Comité de suivi de l'accord</i>, CSA), li wassal għas-sospensjoni tal-laqgħat tas-CSA minn Ottubru 2021 sa Settembru 2022. Dik is-sitwazzjoni xekklet l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim, li huwa wieħed mill-"missjonijiet" tat-tranżizzjoni politika tal-Mali, kif previst fl-Artikolu 2 tal-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Ismaël Wagué) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Għaldaqstant Ismaël Wagué huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Mali, kif ukoll talli ostakola u dgħajef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali.</p>	
3.	MAÏGA, Choguel	<p>Post tat-twelid: Tabango, Gao, Mali</p> <p>Data tat-twelid: 31.12.1958</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-Passaport: passaport diplomatiku Nru DA0004473, maħruġ mill-Mali, viża ta' Schengen maħruġa</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: Prim Ministru</p>	<p>Bħala Prim Ministru minn Ġunju 2021, Choguel Maïga jmexxi l-Gvern ta' Tranżizzjoni tal-Mali stabbilit wara l-kolp ta' stat tal-24 ta' Mejju 2021.</p> <p>Għall-kuntrarju tal-iskeda għar-riforma u l-elezzjonijiet maqbula preċedentement mal-ECOWAS f'konformità mal-Karta ta' Tranżizzjoni, f'Ġunju 2021 huwa ħabbar l-organizzazzjoni tal-Konsultazzjonijiet Nazzjonali għar-Rifondazzjoni (<i>Assises nationales de la refondation</i>, ANR) bħala proċess ta' qabel ir-riforma u prekondizzjoni għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet skedati għas-27 ta' Frar 2022.</p> <p>Kif imħabbar minn Choguel Maïga nnifsu, l-ANR imbagħad ġew posposti diversi drabi u l-elezzjonijiet ġew posposti. L-ANR, li eventwalment saru f'Diċembru 2021, kienu bbojkottjati minn diversi partijiet ikkonċernati. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-ARN, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta skeda ta' żmien ġdida li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2025, biex b'hekk l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu fil-poter għal aktar minn ħames snin. F'Ġunju 2022, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta lill-ECOWAS skeda riveduta li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2024, jiġifieri aktar minn sentejn wara l-iskadenza stabbilita fil-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Choguel Maïga) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. L-ECOWAS enfasizzat li l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni użaw il-ħtieġa li jimplimentaw riformi bħala pretest biex jiġġustifikaw l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali u biex iżommu lilhom infushom fil-poter mingħajr elezzjonijiet demokratiċi. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prim Ministru, Choguel Maïga huwa direttament responsabbli għall-posponiment tal-elezzjonijiet previsti fil-Karta ta' Tranżizzjoni, u għalhekk qed jostakola u jdgħajjef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali, b'mod partikolari billi jostakola u jdgħajjef l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-trasferiment tal-poter lil awtoritajiet eletti.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
4.	MAÏGA, Ibrahim Ikassa	<p>Post tat-twelid: Tondibi, Gao region, Mali</p> <p>Data tat-twelid: 5. 2. 1971</p> <p>Nazzjonalità: Maljana</p> <p>Numru tal-Passaport: passaport diplomatiku maħruġ mill-Mali</p> <p>Ġeneru: raġel</p> <p>Pożizzjoni: Ministru għar-Rifondazzjoni</p>	<p>Ibrahim Ikassa Maïga huwa membru tal-kumitat strateġiku tal-M5-RFP (<i>Mouvement du 5 juin-Rassemblement des forces patriotiques</i>), li kellu rwol ewlieni fit-twaqqiġ tal-President Keita.</p> <p>Bħala Ministru għar-Rifondazzjoni minn Ġunju 2021, Ibrahim Ikassa Maïga kien fdat bl-ippjanar tal-Konsultazzjonijiet Nazzjonali għar-Rifondazzjoni (<i>Assises nationales de la Refondation</i>, ANR imħabbra mill-Prim Ministru Choguel Maïga.</p> <p>Għall-kuntrarju tal-iskeda għar-riformi u l-elezzjonijiet maqbula preċedentement mal-ECOWAS f'konformità mal-Karta ta' Tranżizzjoni, l-ANR ġew imħabbra mill-Gvern ta' Tranżizzjoni bħala proċess ta' qabel ir-riforma u prekondizzjoni għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet skedati għas-27 ta' Frar 2022.</p> <p>Kif imħabbar minn Choguel Maïga, l-ANR imbagħad ġew posposti diversi drabi u l-elezzjonijiet ġew posposti. L-ANR, li eventwalment saru f'Diċembru 2021, kienu bbojkottjati minn diversi partijiet ikkonċernati. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-ARN, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta skeda ta' żmien ġdida li ttipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2025, biex b'hekk l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu fil-poter għal aktar minn ħames snin. F'Ġunju 2022, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta lill-ECOWAS skeda riveduta li ttipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2024, li hija aktar minn sentejn wara l-iskadenza stabbilita fil-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Ibrahim Ikassa Maïga) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. L-ECOWAS enfasizzat li l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni użaw il-ħtieġa li jimplimentaw riformi bħala pretest biex jiġġustifikaw l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali u biex iżommu lilhom infushom fil-poter mingħajr elezzjonijiet demokratiċi. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Ministru għar-Rifondazzjoni, Ibrahim Ikassa Maïga qed jostakola u jdgħajjef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali, b'mod partikolari billi jostakola u jdgħajjef l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-trasferiment tal-poter lil awtoritajiet eletti.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
5.	DIARRA, Adama Ben (magħruf ukoll bħala Ben Le Cerveau)	Post tat-twelid: Kati, Mali Nazzjonalità: Maljana Numru tal-Passaport: passaport diplomatiku maħruġ mill-Mali, viża ta' Schengen maħruġa Ġeneru: raġel Pożizzjoni: Membru tal-Kunsill Tranżizzjonali Nazzjonali (organu leġiżlattiv tat-tranżizzjoni politika tal-Mali)	Adama Ben Diarra, magħruf bħala Camarade Ben Le Cerveau, huwa wieħed mill-mexxejja żgħażaġh tal-M5-RFP (<i>Mouvement du 5 Juin-Rassemblement des forces patriotiques</i>), li kellu rwol ewlieni fit-twaqqiġh tal-President Keita. Adama Ben Diarra huwa wkoll il-mexxej ta' Yéréwolo, li hija l-organizzazzjoni prinċipali li tappoġġa lill-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni, u membru tal-Kunsill tat-Tranżizzjoni Nazzjonali (CNT) mit-3 ta' Diċembru 2021. Ma sar l-ebda progress sinifikanti mis-CNT fuq il-"missjonijiet" imnaqqxa fil-Karta tat-Tranżizzjoni u li suppost kellhom jitlestew fi żmien 18-il xahar, kif jidher mid-dewmien tas-CNT biex jadotta l-abbozz tal-liġi elettorali. Dakid-dewmien ikkontribwixxa għad-dewmien fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u b'hekk għat-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi elettorali l-ġdid, kif eventwalment adottat mis-CNT fis-17 ta' Ġunju 2022 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Mali fl-24 ta' Ġunju 2022, jippermetti lill-President tat-Tranżizzjoni u lill-Viċi President tat-Tranżizzjoni u lill-membri tal-Gvern ta' Tranżizzjoni jkunu kandidati għall-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi, f'kontradizzjoni mal-Karta ta' Tranżizzjoni.	4.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>Adama Ben Diarra ppromwova u appoġġa b'mod attiv l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali waqt manifestazzjonijiet politiċi u fuq in-networks soċjali, filwaqt li ddikjara li l-estensjoni ta' ħames snin tal-perijodu ta' tranżizzjoni deċiż mill-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni wara l-Konsultazzjonijiet Nazzjonali għar-Rifondazzjoni (<i>Assises nationales de la Refondation</i>, ANR) kienet aspirazzjoni profonda tal-poplu ta' Mali.</p> <p>Għall-kuntrarju tal-iskeda tar-riformi u l-elezzjonijiet preċedentement maqbula mal-ECOWAS f'konformità mal-Karta ta' Tranżizzjoni, l-ANR ġew imħabbra mill-Gvern ta' Tranżizzjoni, bħala proċess ta' qabel ir-riforma u prekondizzjoni għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet skedati għas-27 ta' Frar 2022.</p> <p>Kif imħabbar minn Choguel Maïga, l-ANR imbagħad ġew posposti diversi drabi u l-elezzjonijiet ġew posposti. L-ANR, li eventwalment saru f'Diċembru 2021, kienu bbojkottjati minn diversi partijiet ikkonċernati. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-ARN, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta skeda ta' żmien ġdida li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2025, biex b'hekk l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni jkunu jistgħu jibqgħu fil-poter għal aktar minn ħames snin. F'Ġunju 2022, il-Gvern ta' Tranżizzjoni ppreżenta lill-ECOWAS skeda riveduta li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2024, li hija aktar minn sentejn wara l-iskadenza stabbilita fil-Karta ta' Tranżizzjoni.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>L-ECOWAS adottat sanzjonijiet individwali kontra l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni (inkluż Adama Ben Diarra) f'Novembru 2021 għad-dewmien tagħhom fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-tlestija tat-tranżizzjoni politika tal-Mali. L-ECOWAS enfasizzat li l-Awtoritajiet ta' Tranżizzjoni użaw il-ħtieġa li jimplimentaw riformi bħala pretest biex jiġġustifikaw l-estensjoni tat-tranżizzjoni politika tal-Mali u biex iżommu lilhom infushom fil-poter mingħajr elezzjonijiet demokratiċi. Fit-3 ta' Lulju 2022, l-ECOWAS iddeċidiet li żżomm dawk is-sanzjonijiet individwali.</p> <p>Għaldaqstant Adama Ben Diarra qed jostakola u jdgħajef it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika fil-Mali, b'mod partikolari billi jostakola u jdgħajef l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u t-trasferiment tal-poter lil awtoritajiet eletti.</p>	